MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 337/2005

**A**

**-vs-**

**B)**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-6 ta' Gunju, 2003, mil-liema zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett

serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozitiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u /jew (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta; Malta li Jirregola z-Zwigijiet;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fis-16 ta’ Dicembru, 2005 li permezz taghha eccepiet;

1. Illi hija taqbel illi z-zwieg ikkuntrattat bejnha u bejn l-attur fis-6 ta’ Gunju, 2003 huwa null u bla effett u dan a tenur tal-artikolu 19(1)(c), u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u dan kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attur u ta’ omississ.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-6 ta’ Gunju 2003 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuta taqbel mat-talba tal-attur, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin “*F’ materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni, imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*.” (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991). Dan japplika anke f’kaz ta’ ammissjoni izda japplika izjed f’kaz fejn il-konvenuta huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordimament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli citati mill-attur jirrigwardjaw;

*19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti ikun gie inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

*19 (1) (h) – li l-konvenuta ma kellux fiz-zmien taz-zwieg il-fakoltajiet jew rieda bizzejjed biex johloq kunsens ghaz-zwieg.*

Mill-provi mressqa jidher li l-partijiet iltaqghu fuq il-post tax-xoghol meta l-attur kien ghadu kif tilef lil huh f'incident stradali. Jidher li l-attur mill-ewwel infatwa ruhu wara l-konvenuta izda ried li jikkoabita qabel jizzewgu, haga illi ma gratx ghaliex opponew il-genituri tal-konvenuta. L-attur ried jizzeweg civilment biss izda ghall-istess raguni dan ma sarx. Pero' l-attur ried xorta jqis l-ewwel sentejn taz-zwieg bhala *trial period*. Jammetti li ma setax jidra l-hajja mizzewga wara tletin sena jghix mal-genituri tieghu u sabha difficli hafna. Wara ftit xhur bdew il-problemi, iddistakkaw ruhhom minn xulxin u sseparaw fl-2005, inqas minn sentejn wara z-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-konvenuta jidher li l-attur trabba f'ambjent difficli u ghalkemm hu stess kien normali fl-attegjamenti tieghu hutu kellhom diversi problemi. Anke meta kienu jiffrekwentaw lil xulxin kienu spiss jiggieldu u wiehed ftit jista' jifhem ghaliex komplew ghaddejin bir-relazzjoni bejnithom u zzewgu. Skond il-konvenuta l-attur ghandu fissazzjoni fuq il-flus u li martu kellha tkun irqiqa hafna tant li riedha taghmel operazzjoni b'dan l-iskop. Ghalkemm l-attur jichad, il-konvenuta tghid li hu kien eskuda t-tfal miz-zwieg u thoss li meta kien jghidilha biex jistennew xi sentejn kellu f'mohhu li jkompli jipprokrastina ghal dejjem. Din hija sitwazzjoni simili hafna ghal dik li kienet ezistenti fil-kawza <u>Anna Galea vs John Walsh</u> deciza mill-Prim Awla fit-30 ta' Marzu, 1994. Il-Qorti dakinhar irriteniet illi attegjament simili da parti tal-konvenut, kien bizzejjed li jrendi z-zwieg null. Il-Qorti tikkondividi pjenament dan il-hsieb.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-6 ta' Gunju, 2003. L-ispejjez ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------